*Kif niftakar lill-Isqof Cauchi*

# *Mons. Nikol Ġ. Cauchi u s-Soċjetà MUSEUM*

*kitba ta'* **J.F.A**

L-Isqof Nikol Cauchi jibqa' magħruf għall-ħegga kbira tiegħu biex ixerred it-tagħlim nisrani fost il-poplu tagħna. Dan għamlu bil-kelma u bil-kitba tiegħu. Inqeda wkoll kemm felaħ bir-radjijiet biex iwassal dan it-tagħlim. L-istil tiegħu kien ċar, jiftiehem bla taħbit, u mogħti b'mod interessanti u pjaċevoli. Kif stqarret il-Kurja tal-Arċisqof dakinhar tal-mewt tiegħu: *"... mit-tagħlim li huwa xandar gawdew il-Maltin u l-Għawdxin kollha."*

### *Ammiratur kbir ta' Dun Ġorġ*

L-Isqof Cauchi kien ammiratur kbir ta' San Ġorġ Preca u s-Soċjetà mwaqqfa minnu u fih is-Soċjetà sabet ħabib u benefattur. Hu tkellem u kiteb kemm –il darba dwar Dun Ġorġ jew xi aspett mit-tagħlim tiegħu, speċjalment fl-okkjażjoni ta' anniversarji tat-twelid, tal-mewt u tal-festa tiegħu. Kellu dejjem kliem ta' tifħir għal Dun Ġorġ, l-aktar għall-qdusija u għat-tagħlim tiegħu. Għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju mit-twelid ta' Dun Ġorġ, l-Isqof Cauchi ħareġ Ittra Pastorali, datata 2 ta' Frar 1980, dwar "l-Edukazzjoni Nisranija" li wieħed jista' jaqraha fir-rivista *Dun Ġorġ*, Nr. 16, pp.5 – 6.8. F'din l-Ittra jitkellem hekk dwar il-Fundatur :



"F'okkażjoni bħal din, tistennewni li nagħtikom xi ħjiel dwar il-ħajja tas-saċerdot eżemplari li qed jiġi mfakkar f'dan iċ-Ċentinarju. Iżda l-ħajja tiegħu hija hekk rikka b'ħidmiet saċerdotali u b'għemejjel ta' virtù, li mhux possibbli għalija li nsemmi ħlief aspett wieħed minnhom.

"Huwa għaraf minn kmieni l-importanza tat-tagħlim tal-katekiżmu u tal-formazzjoni reliġjuża. Għal din il-ħidma pastorali, huwa ddedika l-ħajja twila tiegħu. Bil-kelma u bil-kitba huwa xerred bla waqfien il-messaġġ nisrani. Ħadem biex jinfetħu oqsma jew Djar tad-Duttrina mhux biss f'pajjiżna, iżda wkoll f'artijiet oħra fejn imorru l-emigranti tagħna. Ħabrek bla serħan biex jiġbor madwaru grupp numeruż ta' ġuvintur u xebbiet u waqqaf is-Soċjetà Musewmina sabiex, anke wara mewtu, ma tiqafx il-ħidma minnu mibdija.

"L-eżempju ta' Dun Ġorġ għandu jħajjarna sabiex ninteressaw ruħna mill-edukazzjoni reliġjuża tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna u nipprovaw nagħtu s-sehem tagħna f'din il-ħidma pastorali li f'kull żmien, kienet u tibqa' dejjem, parti importanti mill-missjoni li għandha l-Knisja ta' Kristu."

### *L-idea għolja li kellu ta' Dun Ġorġ*

Biex naraw x'idea għolja li l-Isqof Nikol Cauchi kellu ta' Dun Ġorġ, biżżejjed insemmu dak li huwa niżżel f'artiklu li deher f'"Leħen is-Sewwa" tat-13 ta' Settembru 2008. F'dan l-artiklu, li propjament kien jittratta dwar id-Dutturi tal-Knisja, lejn it-tmiem tiegħu l-Isqof jistaqsi jekk Dun Ġorġ jistax jiġi dikjarat Duttur tal-Knisja. Hawn l-Isqof jitħaddet ftit fit-tul fuq il-kontribut ta' Dun Ġorġ għall-katekeżi, u mbagħad jispiċċa b'dan il-kliem li, ħerġin mill-pinna ta' Isqof tant għaref u prudenti, jieħdu piż mhux żgħir: *"Għalhekk ma nħossx li għandna neskludu l-possibbiltà li fil-futur qarib jew imbiegħed isseħħ din il-ħolma li naraw lil San Ġorġ Preca magħdud fost id-Dutturi tal-Knisja u forsi għall-merti tiegħu fil-kamp tal-katekeżi."* Hu diġà qabel kien esprima l-istess idea dwar Dottorat lil Dun Ġorġ meta, waqt xandira fuq ir-radju, kien qed jitkellem fuq l-"Intenzjoni Retta", u wera kemm Dun Ġorġ għallem u kiteb b'mod eżawrjenti fuq dan is-suġġett tant importanti b'mod li dan il-Qaddis Malti jista' jitqies bħala "l-Għalliem tal-Intenzjoni Retta".

### *Qarrej assidwu tal-Kitbiet ta' Dun Ġorġ*

Dan iġibna biex nitkellmu kemm l-Isqof kien qarrej assidwu tal-kitbiet ta' Dun Ġorġ. Hekk kif kien joħroġ


L-Isqof Cauchi qed ibierek il-Qasam Ġdid fiż-Żebbuġ, Għawdex

xi ktieb ġdid mill-kitbiet tiegħu, l-Isqof Cauchi arah bla dewmien jaqrah u jixtarru sew, tant li kemm-il darba kien jikkwota minnu fil-priedki u fil-kitba tiegħu.

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Mejju 2010, festa ta' San Ġorġ Preca, l-Isqof Cauchi ċċelebra quddiesa li saret fil-kappella tal-Medalja Mirakoluża, u li ġiet mxandra *live* fuq it-TVM u fuq Radju Malta. Fl-omelija tiegħu fuq dan il-Qaddis Malti hu tkellem fuq "Il-Ħames Għejun li fetħilna San Ġorġ". Fl-opinjoni tal-Isqof dawn huma: l-importanza li ta lil-Lajċi, il-battalja li għamel kontra l-injoranza u l-anafabetiżmu, l-appostolat kateketiku, il-fiduċja li kellu fl-istampa u t-triq tal-qdusija.

Dwar din tal-aħħar l-Isqof osserva: "Dun Ġorġ għallimna li mhux biss l-erwieħ ikkonsagrati lil Alla għandhom jagħmlu ħilithom biex ikunu qaddisin, imma kulħadd. U tana wkoll l-għodda biex nistgħu nilħqu din il-qdusija, għaliex min jaqra l-kotba tiegħu, u anke dawk li kellhom ix-xorti jisimgħu l-kelma ħajja tiegħu meta kien għadu ħaj, żgur li kliemu kien tħeġġiġ kontinwu biex wieħed ma jaqtax qalbu minkejja d-diffikultajiet kollha, ħalli jimxi fit-triq tal-perfezzjoni. U f'din il-ħaġa – u mhux f'din il-ħaġa biss, iżda f'dil-ħaġa b'mod speċjali – San Ġorġ kien prekursur tal-Konċilju Vatikan II. Difatti l-kapitlu V tal-Kostituzzjoni "*Lumen Gentium*" mhux ħaġ' oħra ħlief insistenza fuq is-sejħa, il-vokazzjoni li għandu kull imgħammed biex isir qaddis."

### *Fost l-aħħar pjanijiet tal-Isqof Cauchi*

Propju ġimgħa biss qabel ma ħassu ħażin li wasslu għall-mewt, l-Isqof Cauchi, fuq talba tiegħu stess, laqa' lis-Soċju John Formosa fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex u tkellem miegħu dwar il-pjanijiet li kellu biex jibda serje ta' artikoli fuq "Is-Sisien tal-Ħajja Spiritwali" biex jidhru fir-*Rivista ta' Spiritwalità*. Hu tkellem dwar kif kien se jqassamhom, bil-ħsieb li l-ewwel artiklu jidher fl-ewwel numru tar-rivista tal-2011. Imma l-Mulej kellu pjanijiet oħra, għax ġabru Miegħu nhar it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2010, bla ma laħaq żvolġa bil-kitba dan is-suġġett importanti.

Imma, bla dubju, dak li ma laħaqx tana bil-kitba, Monsinjur Cauchi tahulna bl-eżempju ta' ħajtu u bil-kitba kotrana tiegħu li se jibqgħu jkunu ta' dawl biex ngħixu s-sejħa tagħna għall-Qdusija.


LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm*




*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...

JPE TravelServices LIMITED

A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**